MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 522/2010

**G.T. Shirts Company Limited**

**Alfred Testa**

**vs**

**Godwin Navarro**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-20 ta’ Mejju 2010 li jghid hekk:

1. IIli r-rikorrenti f’ordni wahda izda permezz ta' tlett invoices xtraw minghand l-intimat konsenja ta' merkanzija konsistenti fi kwantita ta' hwejjeg t-shirts. Illi l-invoices partikolari kienu dawk bin-numru 1024,1026 u 1031;

2. Illi l-intimat talab il-hrug tal-kambjala sabiex jissalvagwardja il-kreditu tieghu, u l-esponenti accettaw u anke halsu l-maggor parti tal-ordni u tal-valur tal-kambjala. Illi rrizulta pero li numru konsiderevoli tal-merkanzija kien difettuz u ma setghax jigi mibjugh. Dak li gie mibjugh kellu jigi sostitwit. Illi konxju min dina c-cirkostanza, l-intimat ikkonceda tnaqqis fil-kont -liema tnaqqis fil-kont effettivament ma sar qatt kif ser jirrizulta- ghas-somma tal tlett elef lira Maltin (Lm3,000);

3. Illi r-rikorrenti ma qablux ma dana l-ammont ta tnaqqis peress li l-valur tal-merkanzija difettuza kien jissupera ferm dika c-cifra u l-esponenti kienu halsu kif inghad kwazi l-ammont kollu dovut;

4. Illi l-valur tal-merkanzija difettuza skond l-esponenti jammonta ghal euro 27,781.7;

5. Illi mhux biss, izda apparti dawn il-flus li l-esponenti halsu inutilment, huma inkorrew danni u dana peress illi dik il-merkanzija li lahqu bieghu kellhom jaraw kif ser jaghmlu biex jissostitwuha lill-klijenti taghhom;

6. Illi interpellat sabiex ihallas dawn l-ammonti, l-intimat baqa' nadempjenti u kellha ssir dina l-kawza;

Ghahekk ighid l-intimat ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-merkanzija mixtrija mir-rikorenti minghand l-intimat kif hawn fuq spjegat kienet in parte difettuza;

2. Tillikwida l-valur tal-merkanzija difettuza fis-somma ta' euro 27,781.77, jew somma verjuri jekk hemm bzonn bl-opera tal periti;

3. Tordna lill-intimat ihallas lill-atturi dina s-somma jew s-somma verjuri likwidata;

4. Tiddikjara li minhabba li l-merkanzija kienet difettuza, l-attturi sofrew danni;

5. Tillikwida d-danni sofferti hekk hemm bzonn bl-opera ta' periti;

6. Tordna lill-intimat ihallas dawn id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-presentata tac-citazzjoni, u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi in kwantu t-talbiet attrici huma intavolati minn Alfred Testa dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi ma tezisti ebda kontrattazzjoni kummercjali bejn l-esponenti u l-istess Alfred Testa billi kwalsiasi kontrattazzjoni li kien hemm saret mas-socjeta attrici u mhux mieghu. Kull ma ghamel Alfred Testa huwa li avalla l-kambjala li iffirmat is-socjeta attrici li taghha presumibilment huwa direttur u jew azzjonista u xejn izjed.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u in aggunta ghall-istess, in kwantu t-talbiet attrici huma diretti kemm mill-attur personalment, f'kaz li tigi michuda l-ewwel eccezzjoni, u kemm mis-socjeta attrici, dawn ukoll huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li kwalsiasi reklam li seta' kien hemm kontra l-eccipjenti, illum waqa' bid-dekors ta' sitt xhur mid-data tal-konsenja u dan skond ma jistipula l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess jigi eccepiet ukoll illi il-merce in kwistjoni ghadha fil-pussess tal-atturi jew min minnhom u ma sar ebda depozitu tal-istess taht l-awtorita tal-Qorti qabel ma giet istitwita din il-kawza u ghalhekk, in mancanza ta' tali depozitu, it-talbiet attrici huma insostenibbli u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess jinghad ukoll illi mhux minnu illi l-esponenti "ikkonceda tnaqqis fil-kont liema tnaqqis fil-kont effettivament ma sar qatt". Li kien ikkonceda l-esponenti huwa illi meta kien sarlu r-reklam mis-socjeta attrici huwa kien informa lid-dirigenti taghha illi kien lest li jidhol mal-principali tieghu u jissuggerilhom li jsir tnaqqis ta' Lm3000 mill-ammont dovut u dan il-gest kien kondizzjonat ukoll ghall-fatt li s-socjeta attrici thallas l-ammont intier bilancjali immedjatament, haga li attwalment ma saritx billi s-socjeta attrici u l-attur, qua garanti, ghadhom debituri tal-esponenti fl-ammont indikat fi proceduri separati li gew istitwiti mill-esponenti kontra l-atturi.

5. Illi bla pregudizzju ghall-premess jigi eccepiet ukoll illi la darba jintlaqghu l-eccezzjonijiet precedenti jsegwi li l-esponenti ma jista' jkun qatt responsabbli ghal xi danni li setghu

baghtew l-atturi jew min minnhom, dato ma non concesso li l-atturi jew min minnhom baghtew xi danni.

6. Illi bla pregudizzju ghall-premess u in aggunta ghall-istess kwalsiasi reklam ghal danni li setghu baghtew l-atturi jew min minnhom huwa llum perenti bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kunsinni li ghalihom ghamlu riferenza l-atturi saru rispettivament fil-22 ta' Mejju 2007, 01 ta' Gunju 2007 u 06 ta' Lulju 2007 u kwindi ghaddew aktar minn sentejn minn kull data ta' kull kunsinna. Ghaldaqstant ir-raba, hames u sitt talbiet ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez.

7. Illi bla pregudizzju ghall-premess, kieku l-eccezzjonijiet kollha kellhom jigu michuda u allura t-talbiet attrici jigu akkolti, ebda imghax ma hu dovut stante li l-ammont li qed jitolbu l-atturi huwa somma li tigi likwidata mill-Qorti u ebda imghax ma jiddekorri fuq ammont li huwa incert.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-mertu f'din il-kawza hu wiehed semplici. Is-socjeta attrici xtrat konensja ta' hwejjeg mingand il-konvenut fi tlett partiti datati 22 ta' Mejju 2007, 1 ta' Gunju 2007 u 6 ta' Lulju 2007, u dan verso prezz pattwit ta' Lm59,600 li minnhom is-socjeta attrici hallset is-somma ta' Lm56,000. Meta dawn il-hwejjeg gew konsenjati konsistenti f'T-shirts, polo shirts, u beritti, dawn irrizultaw li kien hemm kwantita minnhom difettuzi bhal ghenieq dojoq, kuluri ma jaqblux, flokkijiet mibrumin mid-dahar, u sizes imhalltin bl-addocc.

It-talba attrici hi sabiex jigi dikjarat li l-merkanzija hi in parti difettuza u li l-konvenut jigi kkundanat ihallas ghal dik il-parti difettuza u danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi minhabba telf ta’ xoghol u klijenti u spejjez biex jigu rimpjazzati l-ilbies difettuz.

Il-konvenut, fost l-eccezzjonijiet tieghu bbaza d-difiza tieghu fuq id-dekadenza tal-azzjoni attrici skond l-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 li jitratta l-azzjoni redhibitoria u l-azzjoni aestimatoria, u l-fatt li ma sar ebda depozitu tal-merci qabel giet istitwita l-kawza.

Il-Qorti talbet lill-atturi jipprecizaw that liema despozizzjonijiet tal-ligi hi arginata l-kawza taghhom peress illi l-Qorti hi marbuta biex tiddeciedi in linea ma’ dak mitlub u ma tqis hi minn rajha n-natura tal-azzjoni proposta u dispozizzjonijiet tal-ligi li jistghu jkunu applikabbli ghal kaz meta dan hu kompitu tal-atturi li jistradaw l-kawza taghhom.

Fin-nota spjegattiva taghhom a fol. 21 tal-process, l-atturi jghidu li qed jibbazaw il-kawza taghhom la fuq l-azzjoni redhibitoria u anqas fuq dik aestematoria izda semplicement fuq danni sofferti mill-bejgh tal-ogetti minghand l-intimat fejn kellhom isiru alterazzjonijiet fuq hafna mill-ilbies mixtri biex ikun jista’ jinbiegh bi prezz inqas minn dak miftiehem mil-prospettiv xerrej u telf ta’ qliegh minhabba d-difetti fl-oggetti. Izid li ghalhekk ma japplikax it-terminu ta’ dekadenza eccepit mill-konvenut u anqas il-preskrizzjoni tal-artikolu 2153 ghad-danni konsegwenzjali peress illi si tratta ta’ ftehim kummercjali bejn zewg kummercjanti.

**Tematika legali**

L-ewwel kwistjoni li trid tigi deciza hi jekk l-azzjoni attrici kif proposta tistax tirnexxi. Bla dubju r-relazzjoni bejn il-kontendenti hi wahda kontrattwali naxxenti minn bejgh ta’ kwantita ta’ hwejjeg u konsenja tal-istess fuq perjodu ta’ ftit gimghat fl-2007.

L-azzjoni attrici, anki wara n-nota spjegattiva hi bbazata biss fuq azzjoni ghad-danni sic et sempliciter minghajr bazi legali ghal tali danni li tohrog mill-ligi tal-bejgh. Azzjoni simili giet

intentata fil-kawza **Ivan Zammit et vs J. J. Scerri Co. Limited** (App Inf 27/10/2011) fejn il-Qorti qalet hekk:

> Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi mposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-artikolu 1390 tal-Kap 16.
>
> Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Nadia Cassar et vs Charles Pace noe**" (K. (JDC) 13 ta' Marzu 1995), fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza "**Scicluna vs Scerri**" (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn inghad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi."
>
> Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony McKay vs Alfred Cassar**" (K. (JF) 10 ta' Dicembru 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390, u dan gie kkonfermat fis-sentenza "**JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited**" (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001).

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-azzjoni attrici hi wahda ex contractu skond il-principji general ital-kuntratti peress illi gie eskluz specifikament id-difett latent. L-azzjoni l-ohra tal-kwalita pattwita ma gietx imsemmija mill-atturi u lanqas tidher li tifforma parti jew hi dezunta mill-premessi jew talbiet tant li anki fin-nota hi respinta s-sottomissjoni tal-konvenut illi kien hemm il-bzonn ta' xi depozitu tal-oggett mibjugh. Fil-fatt l-oggetti inzammu mill-atturi u gew utilizzati. Tali talba hi estranea ghal ligi specjali tal-bejgh u azzjonijiet ad hoc permissibbli taht dan l-istitut (ara **Portelli vs Grima**, App Civ 27/1101957).

Il-punt tat-tluq tal-azzjoni kien il-bejgh maghmul mill-konvenut lill-atturi u ghalhekk il-vinkolu guridiku hu dak ta' bejjiegh/kumpratur bir-regoli specifici u esklussivi tal-istitut tal-bejgh. Ir-rimedju mitlub mill-atturi minghajr ma jigi allacjat ma' dak id-dispost tal-ligi li jirreferi ghall-obbligi tal-venditur hu ghalhekk guridikament mankanti. Il-principju generali tal-kuntratti

huma subordinati ghal dawk specjali li jirrigwardaw kuntratti specifici msemmija fil-ligi. Hu biss fin-nuqqas ta' dawn il-ligijiet specifici u specjali li wiehed jista' jirrikorri ghal principji generali wahedhom u mhux vice-versa. F'dan is-sens tkellmet il-Qorti fil-kawza **JC Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited** (PA 28/06/2001) fejn qalet hekk:

> l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi.

Dan kollu gie rikonfermat fis-sentenza **Carmelo Scerri et vs Joseph Sammut et** (PA 26/06/2012) fejn saret referenza ghal diversi sentenzi ohra in materja u specifikament ghal dak li jghid il-gurist **Mattirolo** (Trattato di Diretto Gurdiziario Civile Italiano, Vol. 1 Torino 1892):

> ad ogni diritto, riconosciuto dalla legge positiva, corrisponde l-azione giudiziaria, a meno che questa sia stata espressamente dal legislatore negata, e sostituita da qualche altra garanzia.

Din il-garanzija rimedjali hi esplicita fir-rimedji espressi mill-legislatur fil-ligi tal-bejgh, liema rimedji l-atturi naqsu li juzufruixxu minnhom, peress li kif impostata azzjoni ghad-danni sic et simpliciter bbazata fuq negozju kuntrattwali ma tistax tirnexxi meta l-ftehim li minnu jinsorgu d-drittijiet hu dak ta' bejgh ta' oggett mobbli.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet moghtija, il-Qorti qed tichad it-talbiet attrici peress li l-azzjoni impostata fl-ambitu ta' bejgh ma ghandhiex bazi guridika u t-talbiet rimedjali ma jistghux jigu milqugha kif maghmula.

Spejjez ghall-atturi.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------